MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2010

Numru 413/2008

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Farrugia)

vs

Kolya Bugeja
Keith Bugeja
Joseph Muscat
Gaetano Schembri
Etienne Bartolo
Rachelle Bugeja

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ 527887M, 226183M, 132387M, 29487M, 350780M, 495890M rispettivament, akkuzati talli nhar is-6 ta’ Mejju 2008 ghal habta tal-11.30 pm gewwa l-pjazza Bertu

Fenech, Hal-Balzan u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Raymond Farrugia ta' numru karta ta' identita' 538165M skond kif iccertifikat it-Tabiba Analise Galea tal-Isptar Mater Dei;
2. permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta jew iniggez ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura gravi fuq Raymond Farrugia minn Hal-Balzan u dana skond ma gie iccertifikat mill-Isptar San Luqa mit-tabiba Annalise Galea u dan bi ksur tal-Artikolu 64 u 221(2) tal-Kap 9;
3. bil-lejl kissru il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;
4. volontarjament kisru l-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9;
5. qalu kliem oxxen u espressjonijiet ta' dagha u dan ai terminu tal-Artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9;

Il-Qorti mitluba ma' l-imputati (recte akkuzati) Keith Bugeja (i.d. 527887M) u Etienne Bartolo (i.d. 350780M) u wara talba ghall-zieda fl-akkuzi (ara folio 177) Kolya Bugeja talli saru recidivi b'sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti mitluba wkoll li titratta mal-imputat (recte akkuzat) Joseph Muscat - i.d 132387M – talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati;

Fl-ahharnett il-Qorti mitluba illi fil-kaz ta' sejbin ta' htija minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli tapplika fil-konfront tal-hatja l-ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li jidrilha li huma xierqa.

Rat l-Artikoli tal-ligi rimessi lil din il-Qorti mill-Avukat Generali sabiex din l-istess Qorti, fin-nuqqas ta' oggezzjoni min-naha tal-akkuzati, tiggudikahom dwar il-htija jew nuqqas ta' htija taghhom;

Semghet lill-akkuzati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju l-akkuzati huma mixlija li ikkagunaw ferita gravi fuq il-persuna permezz ta' arma regulari inkella bi strument li jaqta' jew iniggez inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi, ukoll ikkagunaw feriti ta' natura hafifa, li ikkommettew kontravenzjonijiet billi kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u wkoll qalu fil-pubbliku kliem oxxen u indecenti konsistenti wkoll f'espressjonijiet ta' dagha. Akkuzati billi fl-ahharnett b'recidiva u li ikkommettew reat waqt sentenza sospiza.

Dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri jirrizulta li l-qofol ta' kollox kienet karta ta' mitt dolloru falza li l-allegat vittma Raymond Farrugia kien 'biegh', gurnata qabel, lill-imputat Kolya Bugeja li jiggestixxi l-hanut gewwa l-Kazin tal-Banda Maria Annunzjata ta' Hal-Balzan. Fil-gurnata riferenti l-akkuzi nqala argument bejniethom fuq daqshekk u wara li bl-intercezzjoni tal-akkuzat Keith Bugeja, hu l-akkuzat Kolya, dan Farrugia telaq lill hemm, jirrizulta, mill-bosta xhieda li xehdu fil-kawza, li rritorna lura xi ftit hin wara armat b'sikkina li beda jxejjirha fuq diversi li kienu fuq barra l-imsemmi Kazin. Il-hin hawnhekk kien circa l-11.30 ta' bil-lejl u l-Kazin kien appena ghalaq izda b'xi persuni gewwa li hargu meta giet lilhom attirata l-attenzjoni dwar dak li kien qieghed jigi barra u l-fatt li Farrugia kien rega lura b'sikkina f'idu. Mill-atti jirrizulta li l-akkuzati li hargu mill-Kazin meta allertati kif inghad kienu l-imsemmi Kolya Bugeja, Joseph Muscat u Etienne Bartolo. L-akkuzati l-ohra kienu barra l-Kazin u kienu prezenti dak il-hin ghaliex kienu b'xi mod avvzati dwar dak li kien qieghed isehh.

Intant, fil-kors tal-prezentata bl-arrest tal-allegat vittma Raymond Farrugia, ossija fis-7 ta' Mejju 2008, jigifieri l-ghada tal-incident, l-Qorti li ppresediet fil-prezentata, hatret lit-Tabib Mario Scerri sabiex jezamina medikalment kemm lill-allegat vittma Raymond Farrugia u kemm lill-odjerni akkuzati Kolya Bugeja u Etienne Bartolo li huma wkoll kienu sofrew xi feriti fl-incident. It-Tabib xehed f'dawn il-proceduri u irriskontra fuq l-akkuzat Etienne Bartolo lezjoni fuq in-naha tal-lemin f'dahru kompatibbli ma' incizjoni maghmula minn strument li jaqta u bil-ponta, fuq l-akkuzat Kolya Bugeja lacerazzjoni fuq ir-ras u xi abbrazzjonijiet fuq in-naha posterjuri tas-swaba ta' idu tal-lemin kompatibbli ma' oggett iebes u fuq l-allegat vittma irriskontra nefha fir-ras li ma dehritx li kienet suturata u abbrazzjoni twila fid-dahar li kienet kompatibbli ma' strument li jaqta u bil-ponta. Dwar dawn l-ahhar feriti li proprju jikkoncernaw dawn il-proceduri, huma gew ilkoll klassifikati ta' natura hafifa u l-Qorti irrispettivament minn kull xhieda ohra jew certifikat mediku li jinsab esebit in atti ser tibqa' fuq tali konkluzjoni tat-tabib forensiku taghha.

Issa, mill-provi li jinsabu in atti, kontra l-akkuzati Gaetano Schembri, Joseph Muscat u Etienne Bartolo m'hemm assolutament xejn li jorbothom mal-akkuzi hlief ghal dik kontravenzjonali taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9. Dwar l-akkuzati l-ohra hu l-kaz li fic-cirkostanzi hu applikabbli l-Artikolu 224(c) tal-Kodici Kriminali, apparti dak li jiddisponi l-Artikolu 231(2) tac-citat Kap b'dan li huma wkoll ghandhom jinstabu hatja tal-offiza kontravenzjonali taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9.

Tiddeciedi ghalhekk billi tillibera lill-akkuzati mill-akkuzi kollha hlief ghal dik li takkuzahom bl-offiza kontravenzjanali taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 u per konsegwenza tikkundanna lil kull wiehed minnhom hamsin Ewro ammenda.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------